MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru. 270/2010

**Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**Vs**

**Carlo k/a Carlos Mifsud**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carlo maghruf bhala Carlos Mifsud, ta' 37 sena, iben Louis u Catherine nee' Aquilina, imwieled Pieta' nhar is-16 ta' Settembru 1972, residenti 7A, Flat 3, Triq Hanover, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 409172 (M);

Talli fid-19 ta' Marzu 2010, ghall-habta ta' 14:30hrs, gewwa Triq tal-Karmnu u Triq San Pawl, Bormla, volontarjament hebb ghal persuna ta' Sabrina Maria Castrogiovanni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghha;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta' Sabrina Maria Castrogiovanni b'oggett iebes u cioe' crash helmet u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skont ma ccertifikaw Dr. Denise Formosa mill-Isptar Mater Dei u Dr. Alexandra Baldacchino mic-Centru Tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied;

U aktar talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn l-1 ta' Marzu 2010 u d-19 ta' Marzu 2010, gewwa Bormla u f'dawn il-Gzejjer, ta fastidju lil Sabrina Maria Castrogiovanni b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li b'tali mgieba kien se jikkaguna fastidju fuq haddiehor;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna biza lil Sabrina Maria Castrogiovanni li se tintuza vjolenza, meta kien jaf jew messu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu se jikkaguna lil haddiehor biza;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici biex hedded li jaghmel reat jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi hedded bi kliem lil Sabrina Maria Castrogiovanni;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, offenda lil Sabrina Maria Castrogiovanni.

Wara illi rat l-Artikoli 251A, 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 35 (1) (d) tal-kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara r-rinunzja da parti ta’ Sabrina Maria Castrogiovanni ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ l-imsemmi imputat Carlo Mifsud, din il-Qorti qieghda tiddikjara t-tieni imputazzjoni ezawrita.

Inoltre, wara li din il-Qorti tat iz-zmien rikjest mil-ligi lill-imputat sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tieghu, ghal liema l-istess imputat ikkonferma, qed issib lill-imsemmi Carlo Mifsud hati u tpoggih taht ordni ta’ probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------